

# L-Innu Popolari lil San Filep

## – ilu jitkanta sittin sena



**Philip Agius**

Kien fl-1950 li beda jitkanta dan l-innu li hu tant għal qalb iż-Żebbuġin. Kif nistgħu naraw mill-ittra li kienet stampata fil-ktieb ta' Dun Salv Caruana 'L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep t'Aġira', l-awtur tal-lirika tal-innu, il-Poeta nazzjonali Dun Karm Psaila feraħ mhux ftit meta s-Sur Franġisk Camilleri għarrfu li dan l-innu kien tkanta fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ fil-festa ta' dik is-sena.

L-innu kien ġie mużikat mis-Surmast Ġużeppi Caruana, mużiċist magħruf li kiteb il-mużika għal bosta innijiet reliġjużi miktubin minn Dun Karm. Dan l-innu kien ilu miktub sa mill-1924, is-sena li fiha Ħaż-Żebbuġ fakkar bi kbir il-200 sena mill-miġja tar-relikwa ta' San Filep minn Aġira. Kien ilu li beda jindaqq mill-Banda San Filep. Tiskanta iżda kif dam daqshekk ma beda jitkanta. Illum lanqas nimmaġinaw il-festa mingħajru, tant hu sabiħ.



34j, Lower Victoria Terrace
Sliema
17 ta' Mejju 1950.

Għażiż Fr. Camilleri

Nizżik ħajr mill-ittra ġentili u ferrieħa li bgħattli fil-11 ta' dan ix-xahar biex tgħarrafni li fit-Tridu ta' San Filep, din is-sena, ndaqq bil-mużika, akkompanjat minn kor ta' tfal, l-innu lil San Filep li jiena ktibt xi 26 sena ilu.

Ħadt pjaċir, għaliex jiena nixtieq illi jsiħħu fin-nies ta' Ħaż-Żebbuġ il-fehmiet u s-sentimenti li jiena ħassejt f'dak l-innu, u ħadt ukoll pjaċir għax b'hekk dak l-innu jsir tas-sew popolari, u jista' jkollu effetti tajbin. Ħadt gost ukoll bis-sentimenti tiegħek entużjastiċi għall-Patrun titulari tal-Knisja ta' Ħażżebbuġ u għal poplu ta' hemmhekk.

Issa, nalik il-bart li tlabtni, u inti tinsiex titlob ukoll xi ftit għal

Mons. K. Psaila

*Mons. K. Psaila bagħat din l-ittra lil Frnaġisku Camileri li kien Superjur tal-MUSEUM.*



# L-Innu 'Lil San Filep'

## Kompożizzjoni ta' Mro. Orlando Crescimanno, jagħlaq 90 sena

**Philip Agius**

INNO A SAN FILIPPO D'AGIRA

Orlando Crescimanno

Padre incedi di bianco ammantato
fra la turba dei figli plaudenti
su le messi del Maggio ridenti
ne la festa dei vividi fior.

Oh! Non odi dei canti festivi
la gioconda divina armonia!
Benedici a la turba che pia
Ti saluta fervente d'amor.

———

Cara terra da esile ulivo
coronata d'intorno d'intorno,
qual tra i padri piu lieto soggiorno
ebbe mai di sua figlia nel cor.

Qui tra l'opra dei forti coloni
e le spole d'industri donzelle,
spieghero' le mie tende piu belle
piu gradite dei cieli al signor.

———

Belle rose d'amore sbocciate
nel sorriso del Maggio sereno
olezzate d'un vergine seno
tra gli aneliti ardenti nel cor.

E copiosi dal cielo i carismi
pioveran ne le roride aurore (BIS)
a evocar nel tuo vergine cuore
le balsamiche rose d'amor (TER)

———

Ne l'amplesso d'un padre amoroso
tempestata di baci roventi
tra il sussurro dei teneri accenti
non ambisco terreno splendor.

Sempre uguale qual notte serena
per me scorra la vita fugace
a me basta l'ulivo di pace
l'abbian altri cruento l'allor. } BIS

———

RIPETIZIONE DI Cara terra + Ne l'amplesso

Fi żmien il-Presidenza tal-Kuntrattur Giuseppe Cilia (1911-1922), ġie maħtur biex imexxi l-Banda San Filep bħala Direttur mużikali tagħha Maestro Orlando Crescimanno (1920-1921).

Dan is-Surmast magħruf kien wieħed mill-aħjar

INNU LIL SAN FILEP

Mużikat minn Mro Orlando Crescimanno fl-1920
Maqlub għall-Malti minn Mons. L. Cachia fl-1992

Ejja festna, Missier kollok bjuda,
f'nofs dil-ġemgħa ta' wliedek ferħana;
waqt li l-qmuħ ġo l-għelieqi daħkana
jagħlu festa mal-ward wisq sabiħ.

M'intix tisma' l-għanjiet ferriħija
b'armonija minsuġa fis-sema?
Mela bierek u ħares dil-ġemgħa
li minn qalbha tagħtik l-akbar ġieħ.

Għażiż Raħal imżejjen bis-siġar
taż-Żebbuġ: siġar torja ħaddara,
meta qatt xi missier sab għamara
hekk ħanina kif sibt jiena fik?

Hawn fejn ħadmu il-bdiewa felħana
u nisġiet xebbiet wisq għaqlija,
Jien għażilt post insbierek għalija
fejn is-sema bil-ħniena jagħnik.

Ward sabiħ illi jiftaħ bl-imħabba
meta Mejju jitbissem fil-ġnejna,
ħallat fwiħtek mat-talb li xofftejna
qed ilissnu bil-qalb dan il-ħin.

U mis-sema ħa jinżlu kotrana
grazzji kbar li bħan-nida bikrija
jaħslu l-fjuri ta' mħabba qawwija
li bħal balzmu ġo qalbna qegħdin.

Fit-tgħanniqa ta' da' l-Missier twajjeb
li jimlieni bil-bews kollu ħlewwa,
li jkellimni kliem mimli bis-sewwa,
ma nixtieqx ta' did-dinja xi ġieħ.

Kollni ħiemed bħal sema bil-kwiekeb
tgħaddi l-ħajja bil-għaġġla madwari:
jien għażilt għelm is-sliem: Żebbuġ tari;
rand bid-demm għall-oħrajn inħallih.

Diretturi ta' żmienu. Sfortunatament jiddderieġi lill-Banda San Filep qatta' żmien pjuttost qasir: ftit xhur bejn l-1920 u l-1921. Kien anzjan u mhux fl-aħjar mumenti ta' saħħa. Infatti kien miet fit-22 ta' Diċembru 1923.

Għalkemm dam perjodu daqshekk qasir iżda, kien ikkompona 'Innu' mill-isbaħ 'Lil San Filep'. Oriġinarjament, il-kliem ta' dan l-innu kien inkiteb bit-Taljan minn Mons. Carmelo Psaila.

Għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Filep tas-sena 1993, il-Banda San Filep daqqet dan l-innu li għall-ewwel darba tkanta bil-Malti. Kien ġara li matul is-Sajf tas-sena 1992, is-Surmast Direttur Michael Ciantar (1986-2000) wara li kien ikkonsulta mal-Kumitat, avviċina lil Mons. Lawrenz Cachia, Ex Arċipriet u Żebbuġi wkoll u talbu jaqleb għal Malti l-kliem ta' dan l-innu.

Mons. Lawrenz Cachia aċċetta bil-ferħ li jwettaq dan ix-xogħol bl-akbar għożża u paċenzja kbira minħabba li s-sillabi riedu jkunu preċiżi mal-mużika. Mons. Cachia għaraf joħroġ riżultat mill-aqwa bħalma kien għamel b'innu ieħor immortali ta' Mro. Angelo Melilli. Dawn iż-żewġ innijiet sbieħ illum qegħdin jgħanu l-arkivju tal-Għaqda.

Interessanti naraw in-noti verbali tas-sena 1920. Dawn in-noti Maestro Orlando Crescimanno kien ħallihom miktuba għall-Għaqda Każin Banda San Filep fil-partitura ta' dan l-innu. Hu ddeskiva b'dan il-kliem l-ambjent ta' ħeġġa li kien jirrenja fil-Każin San Filep f'dak iż-żmien.

"L-insistenza tal-mexxejja
tas-Soċjetà bdiet kull ma jmur
tikber sa ma kelli nċedi,
u nilqa' x-xewqa tal-Partit."

Dan l-Innu 'Lil San Filep', kien ikkomponut lest biex jindaqq fl-20 ta' April 1920. Indaqq għall-ewwel darba fil-Festa ta' San Filep ta' dik l-istess sena. Il-kritiċi tal-mużika jgħidu li dan l-innu ta' Maestro Orlando Crescimanno hu fost l-isbaħ mill-innijiet li kkompona dan is-Surmast Direttur u Kompożitur hekk bravu. Fi żminijietna, qegħdin nisimgħuh jitkanta bil-Malti mad-daqq ħlejju tal-Banda San Filep kull sentejn, waqt il-Programm Vokali u Strumentali mtella' lejlet il-Festa ta' San Filep.

